MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 175/2007

Kawza fil-lista:  11

**A B nee' C bhala kuratrici**
**ad litem ta' bintha minuri D E B**
**vs**
**F G B, id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u H I kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi r-rikorrenti zzewget civilment lill-intimat F G B li hu mir-Repubblika tal-Congo fl-1 ta' Novembru 2003, u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument A;

Illi fis-6 ta’ Mejju 2006 l-esponenti welldet lil minuri D E B, skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument B, liema minuri giet koncepita minn relazzjoni extra-matrimonjali li r-rikorrenti kellha ma’ terza persuna li ma hux l-intimat F G B.

Illi peress li t-tarbija twieldet waqt iz-zwieg ta’ bejn il-konjugi B hi tinsab indikata bhala bint l-intimat F G B fic-certifikat tat-twelid relattiv, meta fir-realta’ hi ma hix il-bint naturali l-istess intimat.

Illi l-intimat jaf li t-tarbija mhix bintu naturali izda ma jridx inehhiha minn fuq ismu qabel jghaddu hames snin mid-data taz-zwieg tal-kontendenti, u dan sabiex fi kliemu stess ma jkollux problemi mad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta’ l-Expatriates fl-otteniment tac-cittadinanza Maltija u l-freedom of movement, li kienet l-unika raguni ghala l-intimat izzewweg lir-rikorrenti. Illi r-rikorrenti istitwiet ukoll proceduri ghall-annullament taz-zwieg taghha minn mal-intimat u dan minhabba li z-zwieg taghhom kien zwieg ta’ konvenjenza.

Illi kemm l-esponenti u kif ukoll il-minuri ghandhom interess li jimpunjaw l-istat tal-istess minuri.

Jghidu ghalhekk l-intimati, jew min minnhom, ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat F G B m’ huwiex il-missier naturali tal-minuri D E B.

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D E B billi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri msemmija li jgib in-numru ta’ registrazzjoni elf erba’ mija u wiehed u sebghin tas-sena elfejn u sitta (1471/2006) l-isem u l-kunjom u l-konnotati kollha tal-intimat F G B u minflokhom jitnizzel il-kliem “missier mhux maghruf” u tordna kull modifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba u jekk jehtieg, f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut F G B:

1. Illi huwa jichad kategorikament l-allegazzjoni li nizzel it-tarbija fuq ismu u ma riedx inehhiha minn fuq ismu ghar-ragunijiet insolenti li ghamlet l-attrici u dan stante li ma kellux azzjoni stante li fil-perjodu huwa kien jikkoabita maghha u t-twelid ma giex mohbi lilu.

2. Illi f' din il-kawza ma hemmx kuratur ghall-minuri, u ghalhekk ma tistax timxi.

3. Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku mhux parti fil-kawza ex lege, u dan stante li ma kienx parti fil-koncepiment tat-tarbija de quo.

4. Illi fil-mertu huwa jkollu jirrimetti ruhu ghall-provi.

5. Illi l-ispejjez ghandha tbatihom kollha l-attrici, f' kull kaz, stante li qed tallega t-turpitudni taghha stess li kienet infidila fiz-zwieg u sahansitra tallega li kellha tarbija minn haddiehor meta lanqas il-partijiet kienu separati de facto.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bir-rikors guramentat.
2. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat F G B u bejnha.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-kjamat fil-kawza H I debitament notifikat fis-26 ta’ Novembru 2008, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2008 fejn gie osservat li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut B giet sorvolata, filwaqt li t-tielet eccezzjoni giet irtirata minnu;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf minn Dottor Renald Blundell;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla minuri D E B, li twieldet fis-6 ta’ Mejju 2006 u li fic-certifikat tat-twelid taghha numru 1471/06, tinsab registrata bhala bint il-konvenut F G B, mhijiex il-wild naturali ta’ dan il-konvenut, izda hija wild ta’ “missier mhux maghruf”; u talbet ukoll l-korrezzjoni relattiva fl-istess certifikat tat-twelid.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet izzewwget lill-konvenut F G B fl-1 ta’ Novembru 2003; izda z-zwieg taghha ma kienix wiehed felici, u r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu rari, sakemm eventwalment waqfu ghal

kollox. Sussegwentement l-attrici bdiet relazzjoni extra matrimonjali ma' terza persuna ndikat minnha bhala H I u fil-11 ta' Awissu 2005 harget tqila minn dan il-persuna. Fis-6 ta' Mejju 2006 twieldet it-tifla D E li giet registrata bil-kunjom tal-konvenut B, allura zewg l-omm.

Illi minn naha tieghu l-kjamat fil-kawza baqa' kontumaci.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi t-tezi ta' l-attrici tinsab parzjalment korroborata mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jeskludu lill-konvenut F G B bhala l-missier naturali tat-tifla. Minn naha l-ohra, pero' il-Qorti tosserva li ma hemmx elementi ta' prova sufficjenti sabiex jikkonfermaw li H I huwa l-missier naturali; ghax id-dikjarazzjoni ta' l-omm, waheda, ma twassalx ghall-prova sodisfacenti tat-tezi ta' l-omm li dan huwa l-missier bijologiku tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici jinsabu gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici, u tiddikjara li t-tifla D E B li twieldet fis-6 ta' Mejju 2006 m' hijiex il-wild naturali tal-konvenut F G B; u tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------